MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Numru. 66/2013

**SPETTUR LUKE BONELLO**
**VS**
**NICOLAI MIFSUD**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Nicolai Mfisud ta' 20 sena, bin Carmelo u Antoinette nee' Calleja, mwieled Pieta' fid- 19 ta' Awwissu 1991, residenti 25, Triq Dun Nerik Perez, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 417991M;

Talli bejn it- 22 ta' Ottubru 2011 u d- 29 ta' Ottubru 2011, gewwa San Giljan u f' dawn il- Gzejjer ;

1) B' mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet folox, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex

iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra, ta' aktar minn €232.94 izda mhux aktar minn €2,329.37 u dan billi ghamel uzu minn Credit Card ta' Angele Azzopardi, minghajr permess u xtara diversi oggetti permezz taghha, u b' hekk ghamel qliegh ghalih jew ghal haddiehor ghad-dannu tal- Bank of Valletta u ta' Angele Azzopardi;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, meta sab hwejjeg li kienu naqsu lil xi persuna jew li din kienet tilfet, ma gharrafx bihom, fi zmien tlitt ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi, waqt is-seduta, l-imputat hal;las lura l-valur ta' flus li kien ha f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 308 u 310 (1)(b) u 340(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------